MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 43/2012

**Gladys Sant Fournier armla ta' Alfred,**

**Stephen Sant Fournier, Simon Sant Fournier,**

**Sean Sant Fournier, Dr Sandra Sant Fournier,**

**Sarah Psaila Sant Fournier mart Mark Psaila,**

**Silvana Sultana, Sant Fournier, ahwa Sant Fournier**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Art u**

**l-Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tad-29 ta’ Mejju 2012 li jghid hekk:

1. ILLI dan ir-Rikors jirrigwarda kumpens konsegwenti ghall-esproprjazzjoni ta' erba' appartamenti li kienu jgibu n-numri hmistax (15), sittax (16), sbatax (17) u tmintax (18), Alexander Street, City Gate (Putirjal), Valletta u kif ukoll mad-dar numru dsatax (19) Alexander Street kantuniera ma' Queen's Way (Triq ir-Regina), Valletta. Il-vertenza hija jekk intilifx dritt sostantiv, protett kostituzzjonament minhabba nuqqas, tekniku u procedurali, attribwibbli lill-parti;

2. ILLI n-narrativa f'dan ir-Rikors tohrog car miz-zewg sentenzi esebti u cioe s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Novembru 2007 u dik tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April 2008, it-tnejn esebiti;

3. ILLI minn dawn is-sentenzi johorg kwadru illi "ex admissis", l-esponenti kellhom quddiemhom u miftuha ghalihom rimedji ordinarji, inkluzi dawk tal-Appell. Ghal diversi ragunijiet aktarx imputabbli lill-esponenti, dawn ma gewx ezercitati bil-mod previst. Dawn ir-rimedji intilfu principalment fuq tardivita - nuqqas ta' opposizzjoni u talba fil-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet u appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ipprezentat tardivament. Il-punt trattat f'dan ir-Rikors jitlaq mid-dover tal-istat li jipprovdi rimedji u protezzjoni lic-citaddin tad-drittijiet fondamentali protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea l-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, hawn ukoll "Il-Konvenzjoni". F'dan il-kaz, id-dritt invokat huwa tgawdija pacifika tal-possessjonijiet, art. 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, u kif maghmula bhala parti mil-ligi domestika permezz tal-Kap. 319, u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ma' dan id-dritt jikkorispondi dover tal-istat li jassigura l-protezzjoni ta' dan id-dritt. Ammess illi l-esponenti kellhom kull opportunita li javanzaw il-pretensjoni taghhom u ghal ragunijiet imputabblil lilhom, dan ifisser illi jintilef id-dritt sostantiv? Certament, jidher illi jassolvi lill-Istat minn nuqqas procedurali ghaliex il-mekkanizmu, prima facie almenu, ipprovdih, izda mhux min-nuqqas sostanzjali, u cioe illi jikkumpensa b'mod adegwat fil-limiti u t-termini tal-Konvenzjoni. Id-dritt sostanzjali huwa illi l-istat ma ghandux jikkonfiska jew jiehu ghal skop pubbliku proprjeta privata tac-cittadin minghajr ma jaccerta ruhu illi simultaneament kien hemm mill-kumpens;

4. ILLI din il-pretensjoni hija ukoll marbuta mal-art. 13 tal-Konvenzjoni li jimponi fuq Stat li jara li cittadin f'kaz li jigu miksura d-drittijiet mharsa mill-Konvenzjoni "ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali." Minn hawn johorgu zewg punti: L-ewwel illi l-premessi u r-ragunament fuq dan ir-Rikors huma differenti minn dak li diga deciz, ghalhekk din it-talba kif impustata ma hijiex res judicata. F'dak li diga intalab u gie deciz, kien hemm premessi u linja ta' argument illi l-kumpens li gie offert, kien hemm vjolazzjoni ta' dritt fondamentali. F'dan ir-Rikors, hemm premessa ta' tgawdija pacifika ta' possessjonijiet marbuta mad-dritt ta' rimedju effettiv. It-tieni punt huwa illli l-kwezit quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa jekk parti,

minhabba xi nuqqasijiet formali taghha, ma taghmilx dak li messha ghamlet, ifisser illi necessarjament li ddekadiet minn dan id-dritt. Jigifieri s-sustanza tal-protezzjoni tad-dritt hija soggetta u subordinata ghall-formalita? Fil-kaz taht ezami, ma kien hemm edba rinunzja sostanzjali, izda serje ta' nuqqasjiet formali u teknici;

5. ILLI l-esponenti iqisu illi ghalhekk huma ma tilfux id-dritt ghall-kumpens minhabba li ma adegwawx ruhhom mal-formalitajiet u jissottomettu illi d-dritt sostanzjali u sostantiv taghhom illi l-possessjonijiet jigu protetti ghadu jezisiti u mhux menomat; fi kliem iehor, jekk l-Istat ivvjola dritt fondamentali, ma jistax jahrab minn din ir-responsabilita billi jghid illi l-esponenti kellu rimedji ordinarji li ma hadhomx. Veru illi messu ezawrihom, izda din ma tassolvix il-kompitu u l-operat tal-istat f'materja ta' drittijiet fondamentali, minn ezami tas-sostanza;

6. ILLI d-disparita tal-kumpens offert u l-valur attwali tal-proprjeta hija materja ta' prova li tohrog waqt it-trattazzjoni.

GHALDAQSTANT L-ESPONENTI JITOLBU bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li din joghogbha (1) tiddikjara u tiddeciedi illi minkejja li r-rikorrenti seta' kellhom rimedji huwa fil-fatt ma gewx kompensati skond l-intitolament taghhom u 2) illi l-intimati jew min rninnhom ivvjolaw id-drittijiet fondamentali kif fuq premess meta naqas milli jikkumpensa b'mod adegwat lill-esponenti; (3) taghti fic-cirkostanzi kull rimedju u dritt effettiv lill-esponenti.

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

(1.1) Illi preliminarjament, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna stante li tali talbiet mhumiex ezegwibbli kontra tieghu u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

(1.2) Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti naqsu li jesawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skond il-ligi u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tesercita s-setghet Kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropea stante li jidher li r-rikorrenti kienu kontumaci fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet ai termini tal-Kap. 88 tal-ligijiet u sahansitra intavolaw appell tardiv quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li gie dikjarat irritu u null ai termini tal-ligi.

(1.3) Illi in linea preliminari ukoll, l-azzjoni odjerna hija res judicata permezz tad-decizjonijiet Kostituzzjonali datati 29 ta' Novembru 2007 u 7 t'April 2008 (Ref 55/2005).

(1.4) Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti jridu jgibu l-prova tat-titolu taghhom fuq il-proprjeta in kwistjoni.

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma sehh l-ebda ksur da parte taghhom tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1, l-Ewwel Protokoll (tgawdija pacifika tal-possedimenti hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 37 (privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens) tal-Kostituzzjoni u dan ghas-segwenti motivi:

(2.1) Illi fl-ewwel lok, fil-mertu trid tingieb prova tal-fatti kif kontenuti fir-rikors promotur.

(2.2) Illi fit-tieni lok, jehtieg li r-rikorrenti jispjegaw kif sehhet l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli imsemmija tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni.

(2.3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu d-dikjarazzjoni tal-President kienet harget ghal skop pubbliku ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt il-proprjetajiet in kwistjoni gew effettivament esproprjati u trasferiti ghall-uzu ta' akkomodazzjoni socjali ghall-bzonnijiet ta' progett pubbliku li certament iservu l-skop pubbliku ai termini tal-ligi.

(2.4) Illi fir-raba lok, fir-rigward tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghandu jinghad li meta l-iskop pubbliku jkun wiehed socjali, il-valur li jigi pretiz minn sid il-fond bhala kumpens tal-uzu li qed isir mill-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond igib fis-suq, diment li l-ammont, zghir kemm hu zghir ‘pursues a purpose of general interest which was not manifestly without foundation,' dan huwa gustifikat u legalment accettat.[1]

(2.5) Illi fil-hames lok, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponent jirribattu li fi kwalunkwe kaz, ma sar l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u li l-esponenti mhumiex responsabbli bl-ebda mod tan-nuqqasijiet li huma attribwibbli lir-rikorrenti stess. Illi jirrizulta li fic-cirkostanzi odjerni, ir-rikorrenti kellhom rimedji effettivi imma ghazlu li ma jutilizzawhomx. Ghalhekk f'dan l-istadju, fl-umli fehma tal-esponenti ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li

[1] Mellacher and Others v Austria, 1989.

jzommu lill-esponenti responsabbli tan-nuqqasijiet taghhom meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji kemm ordinarji kif ukoll straordinarji u ghal xi raguni baqghu inadempjenti. Altrimenti, tinholoq l-incertezza tad-dritt.

(3) Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti inkluz il-process allegat tar-rikors Kostituzzjonali nru. 55/2005, u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-intimati.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Illi f`dan il-kaz saret referenza ghall-provi li ngabru fil-process tal-Qorti Kostituzzjonali Sant Fournier et vs Kummissarju tal-Artijiet deciza fis-7 ta' April 2008 Rikors numru 55/2005.

F'dina l-kawza, Joseph Sant Fournier irrepeta l-allegazzjoni tieghu li r-rikorrenti Gladys Sant Fournier u zewgha (awtur tar-rikorrenti l-ohra) ma rcevewx komunika ufficjali mill-awtorita' intimata tal-ittra ufficjali mibghuta lilhom.

Il-P.L. Alan Scicluna rrefera ghall dak li hemm imnizzel fl-affidavit tal-ex Kummissarju tal-Artijiet fl-atti tal-kaz 55/2005 u qal li fil-15 ta' April 1988 id-Dipartiment baghat ittra ufficjali fejn infurma lir-rikorrenti bil-kumpens offrut lilhom u li kellhom 21 gurnata minn notifika biex

jiddikjaraw jekk kienux ser jaccettaw il-kumpens jew le. Ir-rikorrenti gew notifikati fl-20 ta' April 1998 u billi ma rrispondewx fit-terminu, il-kumpens gie meqjus bhala accettat.

Margaret Falzon, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Artijiet, xehdet li kienet intbaghtet in-notice to treat lir-rikorrenti u billi ghaddew 21 gurnata u ma kienx hemm risposta mis-sidien, id-Dipartiment ipprezenta cedola fil-Qorti fejn il-propjeta giet akkwistata. L-istima fuq il-proprjeta saret abbazi tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera u l-provvedimenti tal-Kap. 88.

Jirrizulta, illi s-sentenza fil-kawza kostituzzjonali li kienu pprezentaw ir-rikorrenti Nru. 55/2005 giet deciza fil-29 ta' Novembru 2007. Il-Qorti ddecidiet li mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt il-konjugi Sant Fournier kienu gew notifikati bl-att gudizzjarju relattiv ghall-proprjeta in kwistjoni inkluz bl-Avviz ghall-Ftehim u d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fl-20 ta' April 1998 filwaqt li Maurice Meli Bugeja gie notifikat fis-16 ta' April 1998. Jirrizulta li l-istess persuni hekk intimati bl-ebda mod ma kkontestaw l-ammont offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet fit-terminu indikat, tant li fl-istess terminu l-Kummissarju tal-Art ma rcieva ebda risposta minghand l-istess sidien indikati, inkluz il-konjugi Sant Fournier.

Il-Qorti ddecidiet ukoll li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li Gladys Sant Fournier u zewgha (awtur tar-rikorrenti l-ohra) ma rcevewx komunika ufficjali mill-awtorita intimata tirrizulta kontradetta mill-atti tal-kawza u senjatament min-notifiki relattivi tal-istess att gudizzjarju tant li jidher li l-att gudizzjarju bl-Avviz ta' Ftehim mill-Kummissarju tal-Artijiet datat 16 ta' April 1998 gie notifikat lill-konjugi Sant Fournier fl-20 ta' April 1998.

Il-Qorti finalment qatghet il-vertenza billi innotat ukoll li l-istess sidien kellhom kull opportunita sabiex jikkontestaw tali offerta maghmula mill-Kummissarju tal-Artijiet skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88, haga li l-istess sidien naqqsu li jaghmlu skond il-ligi, liema nuqqas kien dovut unikament ghall-agir taghhom u mhux minn xi raguni estranja ghall-operat taghhom. B'hekk b'dan il-mod jirrizulta li s-sidien u r-rikorrenti ghalkemm kellhom mezzi sabiex jikkontestaw l-istess offerta naqsu li jaghmlu dan, b'hekk li jista' jinghad li huma ma ezawrewx ir-rimedji lilhom disponibbli skond il-ligi, u qed juzaw dawn il-proceduri kostituzzjonali biss minhabba dan in-nuqqas da parte taghhom li juzaw irrimedji ordinarji li kellhom access ghalihom.

Dik il-Qorti ghalhekk laqghet l-eccezzjoni tal-intimat in kwantu bbazata fuq il-proviso tal-artikolu 4 tal-Kap. 319, u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti stante li ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-proviso tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 319.

Ir-rikorrenti kienu appellaw minn dik d-decizjoni izda l-Qorti tal-Appell kienet iddikjarat l-appell null ghax kien sar fuori termine (ara sentenza tas-7 ta’ April 2008).

Ir-rikorrenti pprezentaw il-kawza odjerna billi qed isostnu li fil-kawza l-ohra huma sostanzjalment ma nghatawx rimedju effettiv.

Il-kawza odjerna, thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet.

**Legittimu kontradittur**

Illi gie eccepit:

(1.1) Illi preliminarjament, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward ta' l-azzjoni odjerna stante li tali talbiet mhumiex ezegwibbli kontra tieghu u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi skond l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Dan l-artikolu gie imfisser mill-Qorti fil-kawza **Caruana vs L-Onorevoli Prim Ministru**, deciza fil-31 ta` Mejju, 2006, fis-sens li:

> Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f`kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f`kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f`kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.

Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni, l-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni hija gustifikata u ghandha tintlaqa'.

L-intimat Avukat Generali jistrieh fuq dak li jipprovdi l-artikolu 181B(2) fuq imsemmij u jghid li, f'din il-kawza, ma kienx hemm ghalfejn li huwa jitharrek ghaliex kien bizzejjed li l-kawza ssir kontra l-Kummissarju intimat l-iehor. Illi l-kwistjoni ta' min ghandu jwiegeb ghall-allegazzjoni ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat kemm mal-ghamla tal-ksur kif wkoll mar-rimedju li jista' jinghata ghal dak il-ksur. Hemm kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu rrimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xihadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta' xi kawza f'Qorti (Ara **Abela vs Onor. Prim Ministru et,** Kost 07/12/1990 (Kollez. Vol: LXXIV.i.261); u **Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 06/08/2001 (Kollez. Vol: LXXXV.i.56). Ma' dawn jistghu jiddahhlu persuni ohrajn, dejjem jekk ikollhom interess u dana bl-iskop li l-gudizzju jkun integru (ara **Kenneth Brincat et vs Avukat Generali et** (Kost 10/01/2003)).

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti mhux qeghdin jattakkaw il-ligi bhala l-ghajn li minnha nholoq il-ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom. F'dik l-ipotezi, il-Gvern ikun irid iwiegeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidhol minflok il-Gvern li jirrapprezenta. F'kaz bhal dan, izda, l-ilment tar-rikorrenti huwa wiehed mibni fuq l-ghemil tal-Kummissarju tal-Artijiet (jew tad-Dipartiment immexxi minnu) u ghalhekk il-gudizzju huwa integru bih wahdu.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni se tintlaqa billi ma kienx hemm ghalfejn jitharrek l-Avukat General, ghalkemm, in vista tal-artikolu 181B(3) tal-Kodici msemmi, l-istess intimat Avukat General xorta wahda kellu jkun notifikat bl-atti tal-kawza u kien se' jipprovdi l-avukat

difensur tal-intimat l-iehor kif fil-fatt gara (ara **Saliba vs Kummissarju tal-Artijiet** (Kost 06/10/2009) u **Champs vs Direttur tal-Artijiet** (Kost 31/05/2006).

**Res judicata**

Illi l-Qorti issa se tiddeciedi t-tielet eccezzjoni dwar res judicata qabel it-tieni eccezzjoni billi mill-ezitu tad-decizjoni fuq dina l-eccezzjoni jiddependi jekk ir-rikorrenti kellhomx rimedju ordinarju iehor disponibbili ghalihom.

L-intimati eccepew ukoll:

(1.3) Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija res judicata permezz tad-decizjonijiet Kostituzzjonali datati 29 ta' Novembru 2007 u 7 ta' April 2008 (Ref. 55/2005).

Hu risaput li f'din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe dawk definiti bhala l-"eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess - nisi omnia concurrunt, alia res est.

L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat (ara **C. Cortis vs F.X. Aquilina et**, PA 25/09/2003).

Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et** deciza fit-28 ta' Marzu 2004 fejn l-Qorti elaborat il-principju li 'ghalkemm biex jista' jigi invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita tal-oggett, din l-identita ma hemmx bzonn tkun assoluta basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol

bhala parti integrali ta’ l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta’ kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta’ l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f’kawza deciza b’sentenza li gja ghaddiet f’gudikat’ (ara **L. Roberto Tabone noe vs Joseph Canataci**, PA 06/03/1946).

Illi fil-kawza 55/2005 ir-rikorrenti kienu sostnew li d-drittijiet kostituzzjonali taghhom kif salvagwardati mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea gew lezi mill-intimat peress li ma nghatawx kumpens xieraq partikolarment meta jitqies li l-uzu relattiv tal-proprjeta taghhom ma kienx finalment ghal skop pubbliku izda ghal wiehed privat oltre’ li ghal skop kummercjali. Ghalhekk talbu li jigi likwidat ammont xieraq ghat-trasferiment tal-proprjeta’ taghhom favur l-intimat.

Il-Qorti kienet cahdet it-talba ghax ir-rikorrenti ma kienux esawrew ir-rimedji ordinarji disponibbili ghalhom.

F’dina l-kawza pero r-rikorrenti qed isostnu li l-pretensjoni taghhom hija differenti u hija principalment marbuta mal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi li l-individwu "ghandu jkollu rimedju effettiv”[2]. Huma jghidu li l-premessa ta' tgawdija pacifika ta' possedimenti hija marbuta mad-dritt ta' rimedju effettiv senjatament f`dan il-kaz jekk parti, minhabba xi nuqqasijiet formali taghha u li ma taghmilx dak li messha ghamlet, ifissirx illi necessarjament hija tkun ddekadiet minn dak id-dritt. Jigifieri s-sustanza tal-protezzjoni tad-dritt hija soggetta u subordinata ghal formalita'? Fil-kaz taht ezami ir-rikorrenti isostnu li ma kien hemm edba rinunzja sostanzjali, izda serje ta' nuqqasjiet formali u teknici u ghalhekk huma ma tilfux id-dritt ghall-kumpens.

L-intimati ma qablux.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-kawza prezenti ghalkemm hija bejn l-istess partijiet u finalment l-oggett hu l-istess (li eventwalment ir-rikorrenti,jinghataw kumpens xieraq) pero ma hemmx l-istess

[2] **Right to an effective remedy:** Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity.

causa petendi jew l-istess kawzali. Fil-fatt it-talba fil-kawza 55/05 ir-rikorrenti kienu sostnew li d-drittijiet kostituzzjonali taghhom kif salvagwardati mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea gew lezi mill-intimat peress li ma nghatawx kumpens xieraq mentri f`dina l-kawza l-lanjanza tar-rikorrenti u l-vertenza hija jekk intilifx dritt sostantiv, protett kostituzzzjonament minhabba nuqqas, tekniku u procedurali, attribwibbli lill-parti u b`hekk jigi li ma kellhomx rimedju effettiv taht l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni, (b'referenza ghall-Art. 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni). Ghalhekk f`dina l-kawza l-Qorti trid tiddeciedi jekk strict procedural rules in rejecting claims disclose a disproportionate hindrance on access to court and prevent the substance of the applicant`s complaint from being examined[3].

Ghalhekk l-eccezzjoni dwar res judicata ma tistax tinlaqa' billi l-premessi huma differenti minn dak li diga deciz, ghalhekk din it-talba kif impustata ma hijiex res judicata.

**Rimediju ordinarju**

Peress illi issa gie deciz illi ma hemmx res judicata l-Qorti se tikkunsidra it-tieni eccezzjonu fejn gie eccepiet:

(1.2) Illi r-rikorrenti naqsu li jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skond il-ligi u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghet Kostituzzjonali taghha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropea stante li jidher li r-rikorrenti kienu kontumaci fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet u sahansitra intavolaw appell tardiv quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li gie dikjarat irritu u null ai termini tal-ligi.

Illi kif gie deciz fil-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Ryan Briffa vs Avukat Generali** deciza fl-20 ta' Marzu 2014 "Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrent ghandux jew kellux ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u l-insenjament tal-qrati taghna gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006

[3] K.Reid. Practitioner's Guide to the ECHR.

fl-ismijiet **Olena Tetyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** (ara wkoll fost ohrajn **Vincent Spiteri vs Onor Prim Ministru et**, QK 31/08/1977; **Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe**, 7/3/1994; **Mouwafak Toutoungi et vs Kummissarju tal-Pulizija et**, 25/11/2011; **Stacey Spiteri et vs Direttur tar- Registru Pubbliku** 27/04/2012; u sentenzi ohra hemm citati).

Fost il-principji enuncjati hemm is-segwenti:

1. L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta’ fatt attwali u objettiv;

2. Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;

3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m’hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista’ jigi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaci;

4. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta’ indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b’kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;

5. In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent;

6. Izda meta jidher car li jezistu mezz ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali.

Illi l-Qorti gja ddecidiet li t-talba kif impustata ma hijiex res judicata billi l-causa petendi hija differenti minn dik fil-kawza precedenti. Illi ghalkemm fil-kawza 50/55 il-Qorti kienet iddecidiet li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji disponibbili ghalihom meta ma kkontestawx l-ittra ufficjali u l-offerta ta’ kumpens li kien ghamel l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, irid jigi ezaminat jekk f’dina l-kawza r-rikorrenti kellhomx rimedji ordinarji ohra x’jezawrixxu qabel jigu quddiem dina l-Qorti bl-ilment gdid taghhom. Fil-fehma tal-Qorti l-punt

sottomess mir-rikorrenti f'dina l-kawza, huwa li, ghalkemm proceduralment ir-rikorrenti seta'kellhom tort, sostanzjalment huma ma tilfux id-dritt li l-ilment taghhom jigi deciz fil-mertu. Illi r-rikorrenti qed isostnu li ma kellhomx rimedju effettiv u li l-ilment taghhom huwa taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **A. Bezzina vs Avukat Generali** deciza fil-31 ta' Jannar 2014:

> 13.1 Il-principju tal-equality of arms ma jfissirx li parti tista', l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` indaqs li tressaq il-kawza taghha; izda dan ma jfissirx li parti tista' tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, imputet sibi. [vide PA [SK] **Anthony Mintoff vs Avukat Generali**, deciza 7 Lulju 2004, u kazistika hemm citata][4]
>
> 13.2 "The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent." (see, among other authorities, **GB v. France**, no. 44069/98, ECHR 2001-X) [**C.B v Austria**, ECHR 4 April 2013, Appl. 30465/06 – para.37].
>
> 13.3 "44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see **Miragall Escolono and Others v. Spain**, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to be applied [see, **Nakov v. The Former Yugoslav Republic of Macedonia** no.68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests.3" [see **Teuschler v. Germany** (dec) no. 47636/99, 4th October 2001, and **Sukhorubchenko v. Russia** no. 69315/01 paras.41-43, 10 February 2005) [**Muscat v. Malta** ECHR Appl. 24197/20, deciza 17 Lulju 2012].

[4] Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Marzu 2005

> 13.4 “59. Bearing in mind that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests, and that in the present case the applicant did not follow his case conscientiously or maintain contact with his nominated representatives, the Court concludes that the applicant has at his disposal a potentially effective legal representation which he failed to make use of.” [**Muscat v. Malta**, supra].

Ara wkoll sentenza **R. Bridge vs Onor Ministru tal-Gustizzja et** (App 16/04/2012) fejn bhal f’dana l-kaz l-appell mill-Qorti tal-Familja kien fuori termine u l-appell gie michud.

Fil-kaz prezenti hemm zewg nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti illi ma ikkontestawx l-offerta li kien baghtilhom il-Kummissarju tal-Artijiet, u l-appell kien fuori termine.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi kuntrarjament ghal dak allegat, ir-rikorrenti kellhom rimedju quddiemhom biex jigi salvagwardat id-dritt taghhom cioe dak ghal kumpens xieraq u adegwat, rimedju provdut mill-istat bil-ligijiet in vigore in protezzjoni tac-cittadin u nonostante d-disponibilita ta’ dawn ir-rimedji, huma naqsu li jiehdu l-passi necessarji ghal protezzjoni tad-drittijiet taghhom. Hawn non si tratta ta’ xi lezjoni min xi hadd ta’ dritt ta’ tgawdija pacifika tal-proprjeta izda nuqqas unilaterali tar-rikorrenti li jiehu l-mizuri legali disponibbli u accessibbli biex fl-ambitu ta’ drittijiet fondamentali dawn id-drittijiet jigu salvagwardati, cioe d-dritt ta’ kumpens xieraq jekk huma ma kienux sodisfatti bil-kumpens offrut. Dan kien u baqa’ l-ilment tar-rikorrenti (ara l-hames u sitt premessi) li qed jippruvaw jergghu jirravivaw b’dan l-ilment gdid impostat b’mod ftit differenti izda ghall-istess fini cioe li jsalvaw dak li unilateralment huma skartaw billi ma ottemperawx ruhhom mad-dettami tal-ligi li huma applikabbli l-istess ghal kulhadd.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel paragrafu tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u tiddikjara li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur, tichad it-tielet

parti tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati, u tilqa' it-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati, u kwindi tichad it-talbiet tar-rikorrenti billi kellhom rimedju effettiv li naqsu li jiehdu.

Spejjez ghar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------